TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 78/19/F

**Shawn Borg**

**vs**

**Kenneth Hardware Store**

Illum, 27 ta' Novembru, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 ta' Lulju, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' tlieta u erbgħin Ewro (€43), rappreżentanti l-prezz ta' grinder illi wara li użah dana ma baqax jaħdem.

L-intimat ma ppreżentax risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien xtara *Ferm Angle Grinder 880W* mingħand id-ditta ntimata, u li wara siegħa xogħol mhux kontinwu, dan il-grinder inħaraq. L-intimat biddel il-grinder ma' ieħor ġdid, iżda wara tliet darbiet li użah, reġa' ġara l-istess u dan inħaraq ukoll.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ. Kif ukoll it-Tribunal, jinnota li s-soċjeta' ntimata ma kkontestatx din it-talba.

It-Tribunal, wara li sema' x-xhieda tar-rikorrenti, jinnota li l-verżjoni tiegħu hija kredibbli u aċċettabbli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlieta u erbgħin Ewro (€43), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata, u b'dan illi l-grinder jiġi propjeta' tas-soċjeta' ntimata wara li jsir il-ħlas.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**